MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2012

Numru. 511/2012

Il-Pulizija
(Sp Spiridione Zammit)
vs
Roderick Caruana, iben Francis, imwieled Pieta’ fid-9 ta’ Ġunju, 1986, karta ta’ l-identita numru 264186(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda, u cioe’ fis-16 ta’ April, 2012 għal ħabta tan-12.30 p.m. u/jew ħinijiet wara ġewwa l-LIDL Supermarket, fi Triq il-karmnu, Ħal-Luqa ikkometta serq ta’ HSBC Visa Card ta’ Dominic Bezzina minn Ħal-Tarxien u/jew persuni oħra;
2. talli fis-16 ta’ April, 2012 bejn is-1.00 p.m. u is-2.45 p.m. ġewwa s-supermarket LIDL f’Santa Venera u f’dawn

il-Gżejjer, b'mezzi kkontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza jew ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama' jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' madwar €80 għad-dannu ta' Dominic Bezzina minn ħal-Tarxien u/jew persuni oħra;

3. talli fl-istess ċirkostanzi għamel qliegħ ieħor b'qerq cioe' qliegħ ta' madwar €80 għad-dannu ta' Dominic Bezzina u /jew persuni oħra;

4. talli fl-istess ċirkostanzi ffalsifika ċedula, polza, ordni jew dokumenti oħra u cioe' dokumenti tal-LIDL Supermarket f'Santa Venera u ta' Idea Natur 2000 fi Triq Parilja, Santa Venera li meta jiġu prezentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti jew jiġbor depozitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku u aktar talli għamel użu mill-istess karta msemmija għad-dannu ta' Dominic Bezzina u/jew persuni oħra;

5. talli fl-istess ċirkostanzi ġewwa Idea Natur 2000 f'Santa Venera u f'dawn il-Gżejjer bil-ħieb li jagħmel delitt wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għal esekuzzjoni tad-delitt billi b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza jew ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' kresditi immaġinarji, jew sabiex iqaqal tama' jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, ipprova jagħmel qliegħ ta' madwar €280 għad-dannu ta' Dominic Bezzina minn Ħal-Tarxien u/jew persuni oħra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi pro1edura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Ottubru, 2012 fejn Dominic Bezzina nforma l-Qorti li l-bank HSBC kien irrifonda s-somma ta' €78.57. Iddikjara li ma jafx lill-imputat u qed jaħfirlu ta' dak li għamel.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Ottubru, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 41, 167, 284, 285 u 309 tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta u il-kosiderazzjonijiet ta' hawn fuq. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------